K.L.B.L. 21/10/2000

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Bye-Laws ta' l-2000 dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira (Kunsill Lokali Gżira)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 60 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali u skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' l-artikolu 35 ta' l-imsemmi Att, il-Kunsill Lokali tal-Gżira għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

1.1 Dawn il-*Bye-Laws* jistgħu jissejħu l-*Bye-Laws* ta' l-2000 dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira (Kunsill Lokali Gżira). Titolu u bidu fis-seħħ.

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta, u wara li l-Kunsill ikun ġie awtorizzat mill-Gvern permezz ta' avviż fil-Gazzetta biex jamministra Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira skond il-paragrafu (2) tar-Regolament 43 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi). A.L. 61 ta' l-2000.

2. F'dawn il-*Bye-Laws* kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — Tifsir.

"amministrazzjoni" għandha l-istess tifsira kif mogħti lilha bil-paragrafu (2) tar-regolament 43 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi); A.L. 155 ta' l-1993

"applikant" tfisser dik il-persuna, organizzazzjoni jew grupp ta' persuni li japplikaw lill-Kunsill għal awtorizzazzjoni għall-użu tal-Ġnien skond id-dispożizzjoni ta' l-artikolu 7 ta' dawn il-*Bye-Laws*;

"Att" tfisser l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali;

"attività kummerċjali" tfisser kull attività li għandha bħala għan ewlieni l-promozzjoni kummerċjali jew bejgħ ta' oġġetti jew servizzi kif stabbilit f'Taqsima 3 tat-Tielet Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*, jew kull attività oħra hekk meqjusa mill-Kunsill;

"attività mhux kummerċjali" tfisser kull attività li għandha għanijiet edukattivi, soċjali, kulturali jew informattivi kif stabbilit f'Taqsima 3 tat-Tielet Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*, iżda li m'għandhiex bħala għan ewlieni l-promozzjoni kummerċjali jew il-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi;

"awtorizzazzjoni" tfisser l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill li xi applikant skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dawn il-*Bye-Laws*;

"Ġnien" tfisser Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira;

"Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira" tfisser il-ġnien li jinsab fil-Gżira u sitwat bejn Triq ix-Xatt u l-Yacht Marina kif stabbilit fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws* bħala *shaded area* fil-pjanta li hemm;

"ħinijiet tal-ftuħ" tfisser dak il-perijodu ta' ħin li matulu l-Ġnien ikun miftuħ għall-pubbliku u li jiġi stabbilit mill-Kunsill minn żmien għal żmien;

"Kumitat ta' Tmexxija" tfisser il-Kunsill jew xi Kumitat imwaqqaf mill-Kunsill skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 47 u l-Ordnijiet Permanenti 26 sa 28 tas-Sitt Skeda ta' l-Att, sabiex jeżerċita l-funzjoni li jamministra l-Ġnien għan-nom tal-Kunsill skond it-termini stipulati fl-artikolu 9 ta' dawn il-*Bye-Laws*;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali tal-Gżira;

"Kuratur" tfisser dik il-persuna maħtura mill-Kunsill bħala amministratur ta' Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 6 ta' dawn il-*Bye-Laws*;

"organizzazzjoni" tfisser kull għaqda, assoċjazzjoni, jew grupp ta' persuni, kemm jekk governattiva u kemm jekk mhux;

"persuna awtorizzata" tfisser dik il-persuna, organizzazzjoni jew grupp ta' persuni li tingħatalhom awtorizzazzjoni għall-użu temporanju tal-Ġnien skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' dawn il-*Bye-Laws*;

"Segretarju" tfisser is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Gżira;

"sit" tfisser dik l-*area* fil-konfini tal-Gżira bejn Triq ix-Xatt u l-Yacht Marina kif stabbilit fl-Ewwel Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*;

"tfal" tfisser dawk il-persuni taħt l-età ta' erbatax-il sena;

"użu esklużiv" tfisser l-użu li jsir mill-Ġnien minn xi persuna, organizzazzjoni jew grupp ta' persuni li japplikaw għal dan il-għan skond kif stabbilit fl-artikolu 8 ta' dawn il-*Bye-Laws*, li jagħti dritt lil dik il-persuna, organizzazzjoni jew grupp ta' persuni li jitolbu dritt għal dħul għall-attività awtorizzata;

"użu temporanju" tfisser perijodu ta' żmien li ma jaqbiżx il-ħmistax-il ġurnata jew perijodu iqsar.

Drittijiet għal dħul.

3.1 Il-Kunsill jista' jitlob dritt għal dħul lil kull persuna li tkun tixtieq tidħol fil-Ġnien:

Iżda l-Kunsill jista' jagħti konċessjoni għal dħul bla ħlas jew bi dritt imnaqqas lil kull persuna jew organizzazzjoni hekk kif jiġi deċiż b'riżoluzzjoni.

3.2 Id-drittijiet għal dħul huma dawk kif stipulat fit-Tieni Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*, li jistgħu jinbidlu minn żmien għal żmien mill-Kunsill permezz ta' *Bye-Laws* oħrajn.

3.3 Il-ġbir ta' dawn id-drittijiet għandu jsir jew mill-persuna li tkun awtorizzata tagħmel dan mill-Kunsill, jew bil-mezz ta' xi metodu ieħor kif jiddetermina l-Kunsill.

Projbizzjoni fil-partijiet kollha tal-Ġnien.

4.1 Tfal mhux akkumpanjati minn adulti, roti, logħob bil-ballun, *skate-boarding, roller-skating, blade-rollers*, u annimali huma projbiti f'kull parti tal-Ġnien.

4.2 Ebda vettura bil-mutur ma tista' tidħol fil-ġnien sakemm mhux awtorizzata bil-miktub mill-Kunsill.

Apparat li jirreġistra awtomatikament kemm jidħlu persuni fil-ġnien.

5. Għal skop ta' żamma ta' *records*, il-Kunsill jista' jwaħħal *turnstile* jew kull apparat ieħor li jirreġistra b'mod awtomatiku.

Kuratur.

6.1 Il-Kunsill jista' jaħtar persuna biex taġixxi bħala Kuratur tal-Ġnien.

Ħatra ta' Kuratur.

6.2 Il-ħatra ta' Kuratur issir bil-mezz ta' kuntratt li jkun għal perijodu ta' sena, li jista' jiġi mġedded għal perijodi oħra suċċessivi ta' sena kull darba.

Funzjonijiet ta' Kuratur.

6.3 Il-Kuratur ikun l-amministratur tal-Ġnien. Il-funzjonijiet tiegħu huma –

a. li jamministra l-Ġnien fix-xogħol ta' kuljum;

b. li jkollu l-kustodja ta' l-assi kollha li jinsabu ġewwa l-Ġnien;

ċ. li jimmaniġġja, jagħmel superviżjoni u jagħti kull struzzjoni lil kull persuna li tkun qed tagħmel xogħlijiet ġewwa l-Ġnien jew xi xogħol ieħor konness miegħu;

d. li jżomm inventarju dettaljat u aġġornat ta' l-oġġetti kollha li jinsabu fi jew jappartjenu għall-Ġnien;

e. li jagħti permess għall-użu ta' kull għamara, fornituri, apparat, vetturi, impjant, makkinarju jew kull oġġett ieħor li jkun taħt il-kontroll tiegħu, ġewwa l-konfini tal-Ġnien;

f. li jivverifika minn żmien għal żmien kull oġġett li jinsab fl-inventarju u jagħmel rapport lis-Segretarju Eżekuttiv dwar kull oġġett żejjed jew nieqes;

ġ. li jieħu miżuri ta' kontroll u ta' ħażna ta' l-oġġetti kollha fl-inventarju;

ħ. li jżomm inventarju preċiż ta' l-oġġetti ta' *stock*;

i. li jagħmel rapport ta' xi inċident li jseħħ fil-konfini tal-Ġnien meta jiġi mitlub jagħmel dan mis-Segretarju Eżekuttiv;

j. li joħroġ *entrance block tickets* maħruġa mill-Kunsill lil kull persuna jew organizzazzjoni li tagħmel talba bil-quddiem għal dħul, u li jieħu deċiżjoni dwar dħul jew tkeċċija mill-Ġnien kif jidhirlu xieraq fiċ-ċirkostanzi; iżda ma jkollu ebda awtorità li jagħti jew jirrevoka xi awtorizzazzjoni li tkun fil-kompetenza tal-Kunsill;

k. li jżomm *record* ta' l-attivitajiet kollha li jkunu saru jew maħsuba li jsiru fil-Ġnien, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni;

l. li kuljum jiddepożita mas-Segretarju Eżekuttiv, il-flus miġbura bħala drittijiet għal dħul u dawk miġbura minn makni mħaddma bil-flus, kif ukoll li jagħmel rapporti finanzjarji kull ġimgħa u jgħaddihom lis-Segretarju Eżekuttiv;

m. li jagħmel rapport amministrattiv kull tliet xhur u jgħaddih lill-Kunsill, li jkun jinkludi rakkomandazzjonijiet għat-titjib fil-Ġnien u għas-sistema ta' maniġġjar b'mod ġenerali;

n. li jagħmel dawk il-funzjonijiet l-oħra li jistgħu jiġu ordnati jew delegati lilu mill-Kunsill.

Awtorizzazzjoni mill-Kunsill għal ċerti attivitajiet.

7.1 Il-Kunsill ikollu d-dritt li jagħti awtorizzazzjoni bil-miktub lil xi persuna jew organizzazzjoni, għall-użu temporanju tal-Ġnien, li għaliha jitħallas dritt lill-Kunsill.

Awtorizzazzjoni tkun iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv jew mis-Sindku.

7.2 L-awtorizzazzjoni bil-miktub maħruġa skond kif stipulat fis-subartikolu 7.1 hawn fuq tingħata bil-firma tas-Segretarju Eżekuttiv jew tas-Sindku wara li tkun saret applikazzjoni lill-Kunsill fuq il-formula preskritta f'Taqsima 1 tat-Tielet Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*:

Iżda attività kummerċjali tiġi awtorizzata biss mill-Kunsill b'riżoluzzjoni. F'każ ta' dubju jekk attività tkunx kummerċjali jew le, dan għandu jiġi deċiż mill-Kunsill, li d-deċiżjoni tiegħu tkun finali:

Iżda wkoll, fil-każ ta' applikazzjoni għal *photo sessions* ta' Tiġijiet, *Engagements*, l-Ewwel Tqarbina u Griżma, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata mis-Segretarju Eżekuttiv meta ssir l-applikazzjoni.

Awtorizzazzjoni soġġetta għal pattijiet u kundizzjonijiet.

7.3.1 Kull awtorizzazzjoni li tingħata tkun soġġetta għall-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati f'Taqsima 2 tat-Tielet Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*.

7.3.2 Kopja tal-pattijiet u kundizzjonijiet marbuta ma' awtorizzazzjoni li tkun ingħatat tista' titqiegħed mill-Kunsill f'post prominenti fid-daħla tal-Ġnien matul iż-żmien li fih issir l-attività.

Drittijiet għal awtorizzazzjoni.

7.4 L-applikant għandu jħallas dak id-dritt kif stipulat f'Taqsima 3 tat-Tielet Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*, skond ix-xorta ta' l-attività:

Ħlas lura tad-dritt imħallas ma' l-applikazzjoni.

Iżda d-dritt imħallas għandu jingħata lura lill-applikant kemm-il darba dik l-awtorizzazzjoni ma tingħatax, għal xi raġuni li tkun, mill-Kunsill, u lil kull applikant li jirtira l-applikazzjoni sa mill-inqas ġimgħa qabel il-bidu ta' l-attività:

Nuqqas ta' tħaris tal-pattijiet u l-kundizzjonijiet twassal għal telf ta' ħlas lura tad-dritt imħallas.

Iżda wkoll l-awtorizzazzjoni titqies mhux valida kemm-il darba l-persuna awtorizzata tonqos li tħares il-pattijiet u kundizzjonijiet stabbiliti fl-awtorizzazzjoni jew jekk tonqos li tobdi xi struzzjoni mogħtija lilha mill-Kunsill. F'dan il-każ, id-dritt li jkun tħallas jinżamm mill-Kunsill.

Persuna awtorizzata tista' titlob ħlas għal dħul.

7.5.1 Il-Kunsill ikollu d-dritt li jagħti awtorizzazzjoni lil xi applikant li jkun ser jagħmel attività li għaliha l-persuna awtorizzata tista' titlob ħlas għal dħul. F'dan il-każ, il-Kunsill ikollu d-dritt li jirċievi sa għoxrin fil-mija (20%) tad-dħul kollu mid-drittijiet għad-dħul li jitħallas għall-attività awtorizzata:

Iżda, f'kull każ, il-Kunsill m'għandux jirċievi inqas minn 25c għal kull persuna adulta.

7.5.2 Il-Kunsill ikollu l-jedd ukoll li jirċievi sa massimu ta' għoxrin fil-mija (20%) tad-dħul kollu minn *sponsorship*, reklami bi ħlas jew bejgħ li jkun sar minn jew b'konsegwenza ta' l-attività awtorizzata.

Ħlasijiet u spejjeż addizzjonali li jitħallsu lill-Kunsill mill-persuna awtorizzata.

7.6 Il-Kunsill jista' jitlob ukoll lill-persuna awtorizzata sabiex tħallas kull nefqa u spiża addizzjonali li jagħmel il-Kunsill bħala konsegwenza ta' l-attività li jinkludu *utilities* u l-għoti ta' servizz addizzjonali.

Attivitajiet oħra.

7.7 Il-Kunsill ikollu d-dritt ukoll li jagħti awtorizzazzjoni għall-użu temporanju tal-Ġnien għal xi attività li mhix elenkata f'Taqsima 3 tat-Tielet Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*, li għaliha d-dritt jiġi stabbilit mill-Kunsill u li fl-ebda każ m'għandu jkun ta' aktar minn mitejn lira Maltija (Lm200) kull jum.

Caution money.

7.8.1 Il-Kunsill jista' wkoll, fid-diskrezzjoni tiegħu, minkejja d-dritt kif imsemmi fis-subartikolu 7.4 hawn fuq, jitlob somma li ma teċċedix il-mitejn lira Maltija (Lm200) li sservi bħala *caution money*.

Ħlas lura tal-*caution money*.

7.8.2 Dik is-somma titħallas lura lill-persuna awtorizzata kemm-il darba l-Kunsill ikun sodisfatt li fi tmiem l-attività ma tkun saret l-ebda ħsara jew ksur tal-kundizzjonijiet mill-persuna awtorizzata.

Caution money tinżamm mill-Kunsill f'każ ta' ksur ta' pattijiet u kundizzjonijiet.

7.8.3 F'każ ta' xi ksur ta' xi waħda mill-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija hawn aktar qabel, din is-somma tiġi miżmuma mill-Kunsill mingħajr ħsara għal kull azzjoni oħra li l-Kunsill jista' jieħu.

Polza ta' assigurazzjoni.

7.9 Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 7.8 ta' hawn aktar qabel, il-Kunsill jista' wkoll jitlob li l-applikant jissottometti polza ta' assigurazzjoni li tagħmel tajjeb għal ħsarat, serq, u għal kull xorta jew għamla ta' danni jew talba minn terzi persuni, għal kemm iddum dik l-attività inkluż il-perijodu ta' preparamenti u dak ta' żarmar ta' tagħmir, apparat, għamara jew mezz ieħor użati fl-attività.

Konċessjoni speċjali.

7.10 Il-Kunsill jista' jagħti konċessjoni speċjali lil xi organizzazzjoni volontarja jew lil xi organizzazzjoni oħra biex tagħmel attività fil-Ġnien, bi ħlas inqas minn dak stipulat f'Taqsima 3 tat-Tielet Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*, jew mingħajr ebda ħlas.

8. Il-Kunsill, kull awtorità tal-Gvern ċentrali, jew kull persuna jew organizzazzjoni li tingħatalhom awtorizzazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 7.5.1 ta' dawn il-*Bye-Laws*, jista' jagħmel użu esklużiv tal-Ġnien jew parti minnu sakemm ikun avża mill-inqas ġimgħatejn qabel lill-Kunsill. Għal dan il-għan, il-Ġnien kollu jew parti minnu jista' jingħalaq jew id-dħul ikun ristrett. Użu esklużiv tal-Ġnien jew ta' parti minnu.

9.1 Il-Kunsill jista' jaħtar Kumitat ta' Tmexxija li għandu jaqdi dawk id-dmirijiet kollha fil-kompetenza tal-Kunsill għar-rigward ta' l-immaniġġjar tal-Ġnien skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*: Kumitat ta' Tmexxija.

Iżda s-Segretarju Eżekuttiv jkun responsabbli mill-immaniġġjar finanzjarju.

9.2 L-għadd ta' membri, il-korpi li jiġu mistiedna biex jinnominaw membri u t-termini ta' referenza tal-Kumitat ta' Tmexxija jiġu stabbiliti mill-Kunsill. Dritt tal-Kunsill li jagħti b'kuntratt lil terzi, drittijiet, konċessjonijiet eċċ.

10. Il-Kunsill ikollu dritt, skond kif stipulat fir-regolament 43 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), li jagħti b'kuntratt lil terzi persuni, drittijiet, konċessjonijiet, permessi jew awtorizzazzjonijiet biex imexxu, jħaddmu, jużaw jew jokkupaw il-Ġnien jew parti minnu: Makni mħaddma bil-flus.

Iżda kuntratt ikun biss validu kemm-il darba l-persuna li lilha jkun inġħata tkun kisbet kull permess jew liċenza meħtieġa taħt xi liġi oħra.

11. Il-Kunsill jista' jwaħħal, fil-konfini kif stabbilit fl-Ewwel Skeda ta' dawn il-*Bye-Laws*, makna li taħdem bil-flus għall-bejgħ ta' biljetti, ikel tal-ħut, xorb jew *snacks*, kif ukoll għal xi għan ieħor normalment assoċjat ma' postijiet pubbliċi, li jinkludu *mobile public toilets*, u kull apparat ieħor imħaddem bil-flus li l-Kunsill jidhirlu xieraq, soġġetti għal kull permess ieħor meħtieġ taħt xi liġi oħra. Makni mħaddma bil-flus.

12.1 Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*, jew xi kundizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dawn il-*Bye-Laws*, għajr għad-dispożizzjonijiet taħt klawsola 4 ta' dawn il-*Bye-Laws* teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' tletin lira Maltija (Lm30) għal dik il-kontravvenzjoni, flimkien ma' ammenda oħra ta' ħames liri Maltija (Lm5) għal kull ġurnata li fiha tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* jew xi kundizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni. Penali.

12.2 Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' klawsola 4 ta' dawn il-*Bye-Laws*, teħel meta tinsab ħatja ammenda ta' għoxrin lira

Maltija (Lm20) għal kull kontravvenzjoni msemmija taħt l-istess klawsola.

12.3 Kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' klawsola 4.2 ta' dawn il-*Bye-Laws*, dik il-persuna jew il-*licence holder* ta' dik il-vettura bil-mutur, teħel meta tinsab ħatja ammenda ta' tletin lira Maltija (Lm30) għal kull kontravvenzjoni.


Avviż li għandu jitwaħħal jew jitpoġġa fid-dahla tal-Ġnien.

13. Il-Kunsill ikollu d-dritt li jwaħħal jew ipoġġi avviż fid-dahla tal-Ġnien li fih jiġu mniżżla dawn il-*Bye-Laws* jew parti minnhom, sew bl-ilsien Malti sew bl-ilsien Ingliż.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 2)

KONFINI TAS-SIT MAGĦRUF BĦALA ĠNIEN KUNSILL TA' L-EWROPA GŻIRA
(Area *Shaded*)



IT-TIENI SKEDA

(Artikolu 3)

DRITT GĦAD-DĦUL

Id-dritt għad-dħul ikun ta' 10 ċenteżmi kull persuna.

IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 7.2)

TAQSIMA 1

FORMULA TA' APPLIKAZZJONI

(Din l-applikazzjoni qed issir skond id-dispożizzjonijiet tal-*Bye-Laws* ta' l-2000 dwar l-Amministrazzjoni tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa Gżira (Kunsill Lokali Gżira), u soġġetta għall-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati f'Taqsima 2 ta' din l-iSkeda.)

Nru. ta' l-Applikazzjoni (timtela mill-Kunsill) : _____

Isem ta' l-Applikant : _____

Nru. tad-Dokument ta' Identità/Nru. tal-Passaport : _____

Kariga fl-Organizzazzjoni: _____
(e.ż. President, Segretarju, eċċ)

Isem ta' l-Organizzazzjoni: _____

Indirizz Uffiċjali : _____

_____

Nru. tat-Tel : _____ Nru. tal-Fax : _____

Tip ta' Attività li ser issir: _____
(jingħataw dettalji sħaħ)

Jekk hiex Attività Kummerċjali/Attività Mhux Kummerċjali (ingassa skond il-każ) (Ara Taqsima 3 ta' din l-iSkeda)

Jekk hux qed jintalab użu esklużiv: Iva/Le (ingassa kif meħtieġ) (Ara l-artikolu 8 tal-*Bye-Laws*. Jekk timmarka Iva, eħmeż pjanta li turi l-*area* esklużiva li qed tintalab).

Għadd ta' persuni li ser jipparteċipaw: _____

Data/i ta' l-Attività: Minn : _____ Sa : _____

(Ħin): Minn : _____ Sa : _____

Dritt Imħallas Lm _____ *Caution Money* Imħallas: Lm _____
(jekk mitluba)

Nru ta' l-Irċevuta: _____ (timtela mill-Kunsill)

_____ _____
Segretarju Eżekuttiv/Sindku* Data

*indikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill

(Timbru tal-Kunsill)

(Artikolu 7.3)

TAQSIMA 2

PATTIJIET U KUNDIZZJONIJIET GĦALL-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-UŻU TEMPORANJU TA' ĠNIEN KUNSILL TA' L-EWROPA, GŻIRA

1. L-awtorizzazzjoni tkun valida biss jekk iffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv, tal-Kunsill jew mis-Sindku u f'dawk id-dati u ħinijiet indikati fl-awtorizzazzjoni u għall-arei awtorizzati.

2. Il-Kunsill ikollu d-dritt jirrevoka l-awtorizzazzjoni f'kull ħin għal xi ksur ta' xi waħda minn dawn il-pattijiet u kundizzjonijiet jew xi dispożizzjoni tal-*Bye-Laws*. Il-Kunsill għandu d-dritt ukoll li jirrevoka l-awtorizzazzjoni jekk l-attività titqies li tkun kontra d-diċenza pubblika jew il-morali.

3. Jekk il-Kunsill jirrevoka l-awtorizzazzjoni għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija f'paragrafu 2 hawn aktar qabel, il-persuna awtorizzata ma tingħatax lura d-dritt li tkun ħallset jew xi parti minnu.

4. L-awtorizzazzjoni hi soġġetta għal kull permess jew liċenza meħtieġa taħt xi liġi oħra, u jkun obbligu ta' l-applikant li jġibhom hu nnifsu.

5. Il-persuna awtorizzata ma tistax tagħmel xi attività li ma tkunx indikata fl-awtorizzazzjoni.

6. Il-persuna awtorizzata tinżamm responsabbli għal kull serq, użu ħażin, jew ħsara kkaġunata fil-Ġnien b'konsegwenza ta' l-attività awtorizzata.

7. Il-persuna awtorizzata għandha żżomm il-post fejn issir l-attività nadif minn kull skart f'kull waqt ta' l-attività.

8. L-apparat, mezzi, għamara u aċċessorji oħra wżati waqt l-attività għandhom jitneħħew mill-Ġnien sa mhux aktar tard minn _____ wara t-tmiem ta' l-attività.

9. Il-mod li bih tkun ser issir l-attività għandu jiġi diskuss minn qabel bejn l-applikant u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill jew il-Kuratur tal-Ġnien, u l-persuna awtorizzata għandha tagħmel dawk l-aġġustamenti rakkomandati mis-Segretarju Eżekuttiv/Kuratur.

10. Kull ħoss għandu jieqaf f'nofs il-lejl fi żmien il-ħin tas-Sajf u fil-11.00 p.m. fix-Xitwa.

(Artikolu 7.4)

TAQSIMA 3

DRITTIJIET LI GĦANDHOM JITĦALLSU GĦAL ATTIVITAJIET LI JEĦTIEĠU AWTORIZZAZZJONI MILL-KUNSILL

Tip ta' Attivita	Dritt Dovut
1. ATTIVITAJIET KUMMERĊJALI MATUL JUM WIEĦED	
Photo Sessions (eskluži ritratti għal Tiġijiet, *Engagements*, l-Ewwel Tqarbina u Griżma), reklami, mudellar u *fashion shows*, fieri, eċċ. u l-iffilmar u produzzjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħhom, u xi attività oħra li għandha x'taqsam ma' artikolu 2 ta' dawn il-*Bye-Laws*.	Lm100 għall-ewwel siegħa Lm25 għal kull siegħa oħra
2. MHUX KUMMERĊJALI	
Plays, serati, attivitajiet mużikali u letterarji, *media productions*, ritratti għal Tiġijiet, *Engagements*, l-Ewwel Tqarbina u Griżma u xi attività oħra li għandha x'taqsam ma' artikolu 2 ta' dawn il-*Bye-Laws*.	Lm10 kull jum
3. ATTIVITAJIET KUMMERĊJALI LI JDUMU AKTAR MINN 24 SIEGĦA IŻDA MHUX AKTAR MINN ĠIMGĦA	Lm150 kull 24 siegħa jew parti
4. ATTIVITAJIET KUMMERĊJALI LI JDUMU AKTAR MINN ĠIMGĦA	Lm200 għal kull jum jew parti minnu